**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 379/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Keith Camilleri**

Illum, 29 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Keith Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0481481(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:–

1. Nhar il-24 ta' Awwissu 2011 ġewwa Ħal Qormi u/jew f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu kompliċi billi ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, u/jew ta' l-għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta jien jaf li kellhom hekk jiġu użati, liema delitt huwa dak ta' ħruq volontarju lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni cioe' lil residenza numru erbgħa u għoxrin (24) Xalun, Triq il-Kbiar, Ħal Qormi, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil-waqt tal-ħruq.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, irrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' ħsara jew fi tgħarriq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli permezz talħruq u cioe' ħsara fuq il-bieb u l-faċċata ta' residenza bi numru erbgħa u għoxrin (24) Xalun Triq il-Kbira, Ħal-Qormi, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin

euro (€250) għad-dannu ta' Saviour Falzon minn Ħal Qormi u/jew ta' persuni oħra.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Keith Camilleri bħala li hu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat l-Artikoli 42(a)(b)(c)(d)(e), 43 49, 50 u 316(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Keith Camilleri ħati tad-delitt addebitat fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll ħati tal-addebitu tar-reċidiva u kkundannatu sitt (6) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva. Billi rriżulta illi Martin Martin Baldacchino kien diġa' ġie kundannat iħallas l-ispejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Martin Baldacchino kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2021, il-Qorti ma applikatx, fiċ-ċirkostanzi, id-dispożizzjonijiet tal-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 fil-konfront tal-ħati odjern. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ukoll ikkundannat lill-ħati, Keith Camilleri, sabiex iħallas lil Saviour Falzon is-somma ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600) ossia l-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsarat subiti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat li dwaru qed jinstab ħati, in linea ta' kumpens għat-telf soffert, liema ħlas għandu jsir sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur. Il-Qorti ordnat wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Saviour Falzon, Mary Falzon u George Falzon għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri mid-data li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Keith Camilleri, ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, din il-Qorti hija mitluba tvarja l-piena mogħtija u tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Frar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda tal-*Probation Officer* Glen Grixti u rat id-dokument ezebit minnu, immarkat bħala Dok GG.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta illi għalkemm l-Ewwel Qorti sabitu ħati tar-reat lilu addebitat fl-ewwel imputazzjoni, madanakollu, fil-fehma tiegħu, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi. Huwa jsejjes dan l-aggravju prinċipalment fuq il-fatt li x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni u ċioe' Martin Baldacchino la kien xhud kredibbli u lanqas kien affidabbli, u dana għaliex fiz-zmien il-kummissjoni tal-ħruq doluż mertu tal-każ huwa kien bniedem mifni bil-vizzju tad-droga, u allura l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieħ biss fuq l-affermazzjoni minnu magħmula snin wara illi l-appellant kien il-mandant tiegħu sabiex issib il-ħtija.

Illi, stante li dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar sabiex tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, nhar l-24 t'Awwissu 2011, il-Pulizija ġiet infurmata mill-kuntistabbli 1597 Alfred Chetcuti, li kien jinsab "*off-duty*", li kien għadu kif arresta persuna ġewwa Triq San Franġisk, liema persuna ftit qabel kienet tat in-nar lill-bieb ta' residenza bin-numru 24, fi Triq il-Kbira, Ħal-Qormi. PC 1597 stqarr, *a tempo vergine*, li huwa kien qiegħed jaħdem ġewwa *shelter* fi Triq il-Kbira, meta osserva persuna ta' sess maskili liebes *shorts* blu, b'kobba drapp f'idejh taħt il-ħasira tal-bieb ta' residenza li tinsab eżattament faċċata dan ix-*shelter* u ftit tal-ħin wara ra lil din il-persuna tiġri fid-direzzjoni ta' Triq San Franġisk u osserva daħna kbira ħierġa minn mal bieb ta' barra. Għalhekk telaq jiġri wara l-malvivent, li wara ġie identifikat bħala Martin Baldacchino, u arrestah. Fuq il-persuna ta' Baldacchino instabet ukoll *lighter*. Irriżulta ukoll li n-nirien ikkawżaw ħsarat estensivi fil-bieb ta' barra, il-ħasira, l-*intercom* u l-faċċata tar-residenza li kienet tappartjeni lil George, Mary u Saviour Falzon, li dak il-ħin kienu jinstabu fir-residenza peress illi kien qed isir xi xogħol fid-dar.

Illi, Baldacchino ma ikkoperax mal-Pulizija u għalhekk ġew imnehdija proċeduri penali fil-konfront tiegħu, li finalment wasslu għal sentenza ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Kien biss nhar il-15 ta' Novembru 2016, wara ammissjoni minnu magħmula quddiem il-Qorti Kriminali illi Baldacchino rrilaxxja stqarrija ġuramentata fejn stqarr li kien l-appellant, magħruf bħala l-"*holy ghost*" li kien qabdu jagħti n-nar lir-residenza *de quo*:-

> **Jien dak iz-zmien tal-kaz kont għaddej minn perijodu gravi immens fuq drogi, kont nieħu minn kollox, coke, heroine, anke pirmli, li jiġi, apparti li kont nieħu ħafna methadone. Kont nieħu l-pirmli mal-coke biex nerġa' ninzel, kont inkun imċallas il-kelma ezatt. Dak iz-zmien kont fil-quċċata tal-problema, id-droga kienet daħħlet fija ħafna u ma stajtx naqta. Ngħid li jien id-droga kont ninqeda ħafna mingħand Keith Camilleri, il-holy ghost, li tiegħu qed niġi muri ritratt u nikkonferma li qed nirreferi għall-istess persuna. Kont ili ninqeda minn għandu snin, minn għandu kont nixtri heroine, kont nixtri pakketti t'Lm10, nofs gramem, mbagħad qlibna bil-euros u kont nixtru bit-€20, domt ninqeda mingħandu. Darba niftakar mort b'Lm2 neqsin l-anqas qdieni, qalli 'mela qed inbiegħu l-fniek'. Kont immur ninqeda mingħandu ta' spiss għax kont issibu l-ħin kollu lilu, daqqa ħdejn l-iskola primarja, iċċempillu w jiġi imma meta ma kienx ikolli kont inċempillu kont ninzel hemm u nsibu hemm, fejn l-iskola f'dak il-ġnien ta' quddiem l-iskola, filgħodu u filgħaxija, hemm kien ikun. Mingħandu heroine biss kont ninqeda. Niftakar li darba fost l-oħrajn iltqajt miegħu, la**

**naf Ħal Qormi u l-anqas naf ħdejn id-Detox pero' naf li konna ltqajna b'kumbinazzjoni, mhux għax mort biex ninqeda jiġifieri, u niftakar kien qalli 'hemm biċċa xogħol immorru nagħmulha, naqalgħu €500, hemm bieb naħarquh?' jien dak il-ħin għidtlu jħallini ħa mmur norqod imma irsista miegħu, qalli 'u ejja ħa neħilsuha mbagħad imorru npejpu'. Inpejpu Coke, ġennini b'nofs ta' kelma. Dak iz-zmien bil-problema kbira li kelli fuq il-coke, ngħid li kont daħna mejta, kont ili xi tlett ijiem inpejjep il-coke u meta tkun fuq il-coke kif tisma' kelma bħal dik 'mbagħad immorru npejpu' l-anqas biss ikalkulat xejn. Għidtlu 'tini nofs gramma mbagħad imorru bil-kwiet'. Imma hu ma fdanix qalli 'le le issa mmorru neħilsuha għax inkella ma tiġix'. U vera ma kontx immur kieku qdieni nofs gramma, kont inkun akwistajtha. Irkibna ġol karozza, tgħidlix x'karozza kienet għax dak iz-zmien hu kien jixtri u dejjem ibiddel u ma niftakarx x'għamla jew x'kulur kellha imma naf li rkibt miegħu, jidhirli kellu kollox preparat fil-karozza, petrol ġo flixkun tal-ilma, xi ċarruta biex nagħmilha ma' wiċċi, lighter naħseb kelli jien, għax kont inpejjep. Fil-karozza qalli ninzel nagħmilha u kien ħa jipparkja kantuniera bogħod. Naħseb dorna dawra wrieni l-bieb, erġajna dorna, jien inzilt u tajtu n-nar. Dan kien fid-dawl tax-xemx, moħħi lanqas ħadem, rawni n-nies u jien l-anqas niġri ma flaħt u tlaqt infittxu imma ma sibtux, telaqni hemm. Dak il-ħin ma flaħtx iktar tant kemm kont ħazin u fejn kelli niltaqa' miegħu waqaft, tista' taħseb, laħqu ċemplu lill-Pulizija u ġew tal-Alfa, hemm sabuni, kantuniera bogħod minn fejn ħraqt il-bieb. Dik hi l-istorja. Ngħid li Keith qatt ma tani xejn minn dawn il-€500 li qal li kien hemm lesti għalina u min qabbad lil Keith jien ma nafx. L-anqas naf jekk qabduhx in-nies jew ried jagħmilha hu, pero jekk qabduh in-nies lilu qabdu, hu kellu jagħmilha, jien lil Keith naf. Ngħid li dawn in-nies tad-dar ma nafhomx, jiddispjaċini ħafna ta' li għamiltilhom, għamiltha biss sforz il-problema kbira li kelli u moħħi ma kienx qed jaħdem. Jien lest anka nħallas l-ispejjez tal-ħsarat li stajt ikkaġunajt lil dawn in-nies. Dak iz-zmien lil Keith ma kxiftux għax ħassejt li aħjar nidħol il-ħabs bil-kwiet għax kelli bzonn u swieni ta' ġid ħafna. Qabel dan il-kaz jien ma kont dħalt qatt il-ħabs. Illum -il ġurnata clean, ili zmien clean u veru jiddispjaini ta' dak li għamilt dak iz-zmien, ndur b'ommi għax ommi mardet bil-keded li tajtha u forsi ntiha ftit lura mill-ħafna li tagħtni. Dan li qed ngħid lest nixhdu l-Qorti.**

Illi, Martin Baldacchino kien ukoll xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn reġa' ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija ġuramentata minnu magħmula. Ikkonferma ukoll li kien l-appellant li qabdu jikkomeeti dan il-ħruq doluż mal-bieb tar-residenza tal-familja Falzon.

Illi, *inoltre,* mill-provi prodotti, irriżulta ukoll li ftit mumenti wara li l-appellant, allegatament wassal lil Baldacchino fuq ix-xena tar-reat, huwa kien involut f'kollizzjoni tat-traffiku fi Triq il-Mitħna, Ħal Qormi li jpoġġieh fuq ix-xena tar-reat in linja ma' dak li jixhed Baldacchino. Illi, sussegwentement l-appellant ġie arrestat u

rrilaxxja stqarrija nhar it-30 ta' Novembru 2021, f'liema stqarrija huwa stqarr jew li ma jiftakar xejn dwar dan l-inċident jew inkella għal mistoqsijiet oħra għażel li ma jweġibx.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aggravju imqanqal mill-appellant idur madwar il-fatt illi l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' kompliċita' fil-kummissjoni tar-reat ta' ħruq doluż meta tat affidament lil verżjoni tal-fatti rakkontati minn Martin Baldacchino. Issa d-deċiżjoni dwar il-kredibbilita ta' xhud għandha titħalla fid-"diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ", u dan kif hemm maħsub fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, bil-leġislatur ikompli fl-artikolu 638 illi meta l-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar, b'kawtela ikbar iżda trid tiġi eżerċitata meta dna ix-xhud waħdieni ikun kompliċi fil-kummissjoni tar-reat. Illi l-Ewwel Qorti stqarret fis-sentenza tagħha il-motivi li wassluha biex tagħti affidament lil dan ix-xhud meta b'mod ewlieni osservat il-komportament tiegħu fuq il-pedana li ma nissel ebda dubbju fiha li huwa kien qed igħid il-verita'. Il-Qorti ma ssib ebda raġuni li tista' twassalha tiskossa din id-diskrezzjoni minnha eżerċitata.

Illi, abbinat max-xiehda ta' Martin Baldacchino quddiem l-Ewwel Qorti kienu imressqa provi oħra indizzjarji li, kif kostantament ritenut, jassumu rwol importanti ħafna. Ovvjament, bħal kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għall-konkluzjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint, lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni, mill-ħtija jew responsabbiltà kriminali tal-imputat jew akkuzat[2]. Issa għalkemm l-Ewwel Qorti ġustament stqarret illi l-prova indizzjarja li

[2] Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 – App.Krim.

tressqet ma kenitx waħda univoka, madanakollu indubbjament tat is-saħħa lill-verżjoni tal-fatti tax-xhud Baldacchino.

Illi, l-appellant jisħaq li hu ma seta' qatt jiġi misjub ħati peress li x-xhieda ta' Martin Baldacchino ma kellhiex mis-sewwa u hu ma kienx ta' min jafdah peress li kellu vizzju akut tad-droga. Dwar il-fatt li Baldacchino kien maħkum mid-droga fil-mument li seħħew l-atti inkriminatorji huwa fatt inkontestat u ammess minnu stess. Dan pero' ma jfissirx li Baldacchino ma kienx kredibbli f'dak li stqarr fis-sena 2016, u ċioe' madwar ħames snin wara l-akkadut fejn jammetti illi lura fis-sena 2011 huwa kien għadu tossikodipendenti tant illi dak li wasslu biex jaċċetta jagħmel dak suġġerit mill-appellant kien proprju l-wegħda li kien ser ikollu il-flus biex jakkwista d-droga. Fil-fatt jidher illi Baldacchino irrijabilita ruħu fiż-żmien li dam detentut ġewwa il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti ma kienx għadu tossikodipendenti. Fuq kollox l-appellant ma jressaq ebda prova li turi li id-deposizzjoni ta' dan ix-xhud setgħet kienet effett ta' xi teħid ta' droga. Għalkemm *a tempo vergine*, Baldacchino ma kien ta l-ebda ħjiel dwar x'kien ġara f'dan il-każ, madanakollu huwa evidenti illi tul il-proċeduri pendenti fil-konfornt tiegħu huwa minn dejjem xtaq jassisti lill-pulizija fl-investigazzjonijiet u anke iddikjara dan fil-qorti kemm il-darba.

Illi mbagħad ix-xhud Baldacchino joffri xiehda dettaljata dwar dak li seħħ lura fl-24 ta' Awwissu 2011 li allura jwassal lil din il-Qorti , bħall-Ewwel Qorti qabilha, tifhem illi dan ir-rakkont hekk iddettaljat ma jistax ikun frott tal-imaġinazzjoni tax-xhud jew inkella frott it-teħid tad-droga f'dak iż-żmien. Fuq kollox ma jfissirx illi għaliex ix-xhud kien dipendenti fuq id-droga allura dan neċessarjament kien psikotiku jew ibati minn xi alluċinazzjonijiet li setgħu wassluh jivvinta dik il-parti fejn jimplika lill-appellant. Prova ta' dan għall-inqas fl-atti ma hemmx. Ma hemm xejn fl-atti li jikkontradixxi dina l-verzjoni tal-fatti li Baldacchino jagħti snin wara meta huwa kien ħallas għall-aġir inkriminatorju tiegħu u skonta l-piena karċerarja imposta fuqu, biex b'hekk lanqas jista' jingħad illi huwa kien imwiegħed xi vantaġġ sabiex jassisti lill-pulizija fl-investigazzjonijiet u sabiex huwa jiddeponi fil-Qorti u jikxef lill-persuna li kkumissjonah sabiex jagħmel dan il-ħruq. *In oltre*, hemm prova wkoll fl-atti li turi illi

fil-ħin meta Baldacchino kkommetta dan il-ħruq doluż fuq il-bieb tar-residenza tal-familja Falzon, l-appellant instab fil-viċinanzi ta' l-istess triq u għalhekk din tikkorrobora ukoll dak mistqarr minn Baldacchino, li kien l-appellant li waslu fuq il-post u meta induna li kien inqabad dabbar rasu u telaq, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti.

Għalhekk in vista ta' dan kollu, din l-Qorti hija tal-fehma, li għal kuntrarju ta' dak allegat mill-appellant, Martin Baldacchino kien xhud kredibbli u l-verzjoni tal-fatti tiegħu għandha titwemmen, bl-Ewwel Qorti ġustament tistrieħ fuq din il-verżjoni tax-xhud meta għaddiet sabiex isib ħtija fl-appellant. *Inoltre*, fir-rigward ta'l-addebitu tar-reċediva, għalkemm ġew ippreżentati diversi sentenzi mogħtija mill-qrati fil-konfront tal-appellant mill-assistent Reġistratur Stephanie Calafato Testo, madanakollu hija biss is-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2008, dokument SCT5 eżebita a fol.384 tal-atti, li tista' tittieħed in konsiderazzjoni għal fini ta' dan l-addebitu, billi s-sentenzi l-oħra eżebiti ingħataw wara l-kummissjoni tar-reat. Illi minn din is-sentenza huwa evidenti illi il-perijodu operattiv ta' tlett xhur priġunerija sospiżi għal sentejn kien laħaq iddekorra fiż-żmien meta kien kommess ir-reat odjern, u l-multa inflitta kienet ukoll mħallsa, sabiex huwa indubitat illi din is-sentenza kienet skontata kif ukoll li din kienet għaddiet in ġudikat. Għalhekk, anke fir-rigward ta' dan l-addebitu l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant kif għamlet. In vista ta' dan kollu, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju tiegħu, l-appellant jitlob ukoll varjazzjoni tal-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti stante li jisħaq li din kienet waħda ħarxa wisq fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li

l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[3] .

Illi, meta ġiet biex tqis dan l-aggravju, l-Qorti ħadet konjizzjoni tas-*Social Inquiry Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti minn fejn jirriżulta illi l-appellant kellu storja twila ta' tossikodipendenza u li għalkemm matul iż-żmien ipprova jindirizza dan il-vizzju, madanakollu ma kienx konsistenti fit-tentattivi li saru għar-rijabilitazzjoni tiegħu. Tinnota li f'dawn l-aħħar xhur, l-appellant għamel ċertu progress fl-attendenza u fir-riżultati tal-kampjuni tal-urina ġewwa d-Dipartiment tad-Detox, hekk kif stqarret it-Tabiba Vella. Irriżulta ukoll li l-appellant għandu relazzjoni familjari tajba mal-ġenituri tiegħu u għandu impjieg fiss. Finalment, l-Qorti tinnota li f'dana l-istess rapport hemm imnizzel li l-vittma ħafer lill-appellant u "**qal li ma jixtieqx li l-appellant jingħata piena ta' ħabs**". In konkluzzjoni, il-*Probation Officer* stqarr li jemmen "**li jkun għaqli li l-appellant izomm 'il bogħod mill-abbuz tas-sustanzi illeċiti u jiffoka fuq l-importanza li jkun ingaġġat f'impjieg regolarrizat u jkun viċin il-familjari tiegħu li tant issapportjawh matul is-snin. Finalment l-uffiċjal sottoskritt jemmen li l-appellant għandu jkun f'kuntatt ma' waħda mill-aġenziji li jassistu n-nies bil-vizzju tad-droga bil-għan li l-progress li kien innutat ikompli jiġi konsolidat**".

Issa ma hux ikkontestat illi l-piena nflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-Liġi u tirrispekkja in-natura serja tar-reati li dwarhom l-appellant instab ħati, kif ukoll tirrispekkja l-fedina penali refrattarja tiegħu. Din l-Qorti tawgura li l-appellant jibqa' jagħmel progress f'ħajtu, madanakollu, tenut kont tal-gravita' tal-akkużi lilu addebitati u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern, ma teżisti ebda raġuni valida li tista' tintitola lill-appellant għall-temperament fil-piena, jew għal xi piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni billi l-Qorti mhijiex konvinta illi l-appellant llum huwa persuna rijabilitata jew inkella li ser iżżomm ma xi pjan ta' kura għar-rijabilitazzjoni sħiħa tiegħu, u dan b'mod speċjali fid-dawl tal-fedina penali tiegħu, tant illi huwa misjub ħati li huwa reċidiv. Fuq kollox il-piena erogata fil-konfront tiegħu hija waħda fil-minimu assolut, u fejn kienet applikata il-piena l-iktar favorevoli

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

għalih tenut kont tal-emendi introdotti permezz ta'l-XXIV tal-2014 fejn il-minimu tal-piena niżel minn disa' snin għal sitt snin. Illi allura fid-dawl tal-parametri tal-piena la il-provvedimenti ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħu japplikaw favur tiegħu, u lanqas dawk tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-piena massima teċċedi dik tas-seba' snin priġunerija. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**